# Malta - Ħames Snin Wara Sħubija Sħiħa fl-Unjoni Ewropea

*Minn Brenda Azzopardi*

Ftit tal-ġranet ilu pajjiżna, flimkien ma' Stati oħra Ewropej, iċċelebra l-ħames anniversarju ta' sħubija formali fl-Unjoni Ewropea – li, bla dubju ta' xejn, se jibqa' jissemma fl-Istorja ta' ġensna. Għall-Unjoni Ewropea kienet ukoll l-ewwel darba li, fil-proċess ta' tkabbir, daħlu għaxar pajjiżi f'daqqa. Għalkemm xi wħud minna forsi jiftakru biss fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru biex ifakkru dan l-avveniment u jaħsbu li din is-sħubija waqfet hemm, dan mhuwiex il-każ.

Huwa fatt li ħafna mix-xogħol ta' kuljum, ta' dibattiti, diskussjonijiet u laqgħat fuq livell, kemm lokali, kif ukoll Ewropew, ikun ġeneralment f'idejn il-politiċi, kif ukoll l-amministraturi tal-istituzzjonijiet Ewropej. Madanakollu kull ċittadin Ewropew, inkluż il-Malti, għandu jfittex li jkun attiv billi jsegwi dak li jkun qiegħed jiġri, u jinteressa ruħu fl-attivitajiet billi jagħti sehmu fil-ħidma tal-UE. F'dawn il-ħames snin ta' sħubija Malta setgħet tara bidla sinifikanti fil-politika, fil-leġislazzjoni, fl-ekonomija, kif ukoll fil-qasam soċjali.

Fl-2004, is-sħubija ta' Malta fl-UE fissret parteċipazzjoni f'suq kompetittiv ta' 27 pajjiż magħmul minn negozjanti, impjegati u madwar 500 miljun konsumatur, flimkien ma' tliet pajjiżi oħra Ewropej li jagħmlu parti miż-Żona Ekonomika Ewropea - jiġifieri l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja. Iżda wara dik is-sena, is-sħubija ta' Malta fl-UE kompliet tissaħħaħ iktar. Fil-bidu tal-2008, Malta saret membru taż-żona Euro, munita li tintuża f'16–il Stat ieħor tal-UE. Xhur qabel, Malta kienet ħadmet bis-sħiħ biex issegwi u twettaq il-kriterju tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Issa ċ-ċittadini Maltin jistgħu jgawdu mill-vantaġġi kollha li toffri din il-munita. Għandhom isibuha iktar faċli meta dawn iqabblu l-prezzijiet ta' prodotti minn pajjiżi oħra li jużaw l-istess munita, filwaqt li żdiedet aktar il-kunfidenza fin-negozjanti li jkunu jridu jagħmlu l-kummerċ f'dawn il-pajjiżi li jużaw il-munita euro.

Mis-sena l-oħra 'l hawn, wara li pajjiżna sar parti miż-Żona Schengen, iċ-ċittadin Malti jsib anqas xkiel meta jiġi biex isiefer. Dan fisser li biex l-ivvjaġġar tal-passiġġieri ġejjin minn dawn il-pajjiżi ikun iktar faċli, f'Malta, il-fruntieri tal-baħar u tal-ajru jsegwu l-istess drittijiet u obbligi. Malta qiegħda tieħu dawn il-passi importanti biex issaħħaħ aktar ir-relazzjoni tagħha ma' pajjiżi oħra tal-UE. Għaldaqstant, ir-riżultat tas-sħubija ta' Malta fl-UE huwa wkoll it-twettiq ta' Ħidma bejn is-27 pajjiż membru fuq numru ta' *standards*, drittijiet għall-ħaddiem, is-sigurtà għat-tfal, is-sehem ta' koperazzjoni li ssir meta jinqala' xi diżastru naturali, is-saħħa pubblika u ħafna affarijiet oħra. Is-sħubija fissret ukoll benefiċċju kbir għal dawk il-proġetti kollha li kienu eliġibbli u mogħtija fondi mill-UE biex dawn jitwettqu.

Dan l-aħħar għaddej ukoll il-proċess ta' ratifikazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona, li pajjiżna diġa għadda minnu fil-bidu tal-2008. Għat-tieni darba, f'Ġunju li ġej iċ-ċittadin Malti se jkun jista' jagħti kontribut lill-UE billi jmur jivvota għall-dawk il-kandidati tal-Parlament Ewropew, li jaħseb li l-iktar jistgħu jagħtu ġid fit-tmexxija ta' Malta fl-UE. Fl-20 ta' Mejju l-MEUSAC se jkun qiegħed jorganizza Konferenza Nazzjonali fejn se jiġu diskussi numru ta' temi. Dawn jinkludu l-isfidi u l-esperjenzi fis-settur turistiku wara l-2004, ir-rwol tar-rappreżentanti Maltin fl-Istituzzjonijiet Ewropej, l-esperjenza tal-qasam tas-servizzi finanzjarji, kif ukoll Malta u l-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni ħames snin wara s-sħubija. Se jiftaħ il-Konferenza s-Segretarju Parlamentari Dott. Chris Said u d-diskors tal-għeluq se jsir mill-Prim Ministru Dott. Lawrence Gonzi. Kull min jixtieq aktar informazzjoni dwar din l-attività huwa mitlub iċempel l-uffiċċju tal-MEUSAC fuq 2200 3300 jew jibgħat email fuq **info.meusac@gov.mt**

MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

*280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*2590 9101*
*info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*